**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 17 ta' Ġunju 2024**

**Rikors Numru 61/2023**

**Jennifer Abela (ID 0569060M)**

**Vs**

**Mary Anne Apap (ID 0172254M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Jennifer Abela** fis-7 ta' Frar, 2023, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

*ILLI r-rikorrenti hija proprjetarja ta' fond terran li jġib in-numru 25 f'Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, liema fond wirtutu mingħand missierha nhar it-22 ta' Lulju 2016;*

2. *ILLI permezz ta' skrittura datata 5 ta' Frar 2016 (Dok.A), l-intimata kriet il-fond imsemmi mingħand omm l-esponenti, b'effett mis-6 ta' Frar 2016, għal żmien sena; tali kirja qatt ma ġiet imġedda;*

3. *ILLI l-intimata ġiet avżata bonarjament sabiex issib akkomodazzjoni alternattiva f'Settembru 2022; hija infurmat lill-esponenti li inkarigat aġent sabiex isibilha tali akkomodazzjoni versu kera li tiflaħ għalih, tenut kont tas-sussidju li tagħti l-Awtorità, u tat lill-esponenti d-deettalji ta' l-aġent tagħha; sussegwentement, però, l-istess aġent informa lill-esponenti li għalkemm sabilha tali akkommodazzjoni alternattiva, l-intimata rrifjutat li toħroġ u infurmatu li ma kenitx se tiċċaqlaq u lanqas biss marret tara l-post li sabilha;*

4. *ILLI ai termini ta' l-art.1536(2) Kap.16, il-kirja spiċċat nhar l-4 ta' Frar 2017, u għalhekk l-esponenti tiddikjara u tikkonferma bil-ġurament tagħha li safejn taf hi l-intimata mgħandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti;*

***Tgħid għaldaqstant l-intimata għaliex m'għandhux dan l-Onorabbli Bord, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:***

i. *Jisma' u jiddeċiedi din il-kawża skond is-segwenti talbiet bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Jiddikjara li l-kirja effettwata favur l-intimata in relazzjoni mal-fond 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, hija llum terminata; u*

iii. *Jordna l-iżgumbrament ta' l-intimata mill-fond 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa entro terminu qasir u perentorju.*

Ra n-Nota ta' ammissjoni ta' **Mary Anne Apap** ippreżentata a fol. 20 tal-proċess, liema ammissjoni ġiet rikonfermata permezz ta' Nota ippreżentata fit-12 ta' Ġunju 2024;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dawn il-proċeduri ġew mibdija bil-proċedura tal-giljottina ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-ammissjoni tal-intimata, il-Bord se jkun qed jgħaddi għas-sentenza illum stess.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz ta' skrittura datata 05 ta' Frar 2016 ir-rikorrenti kriet il-fond numru 25, Misraħil-Knisja, Birżebbuġia lill-intimata. Il-perjodu tal-kirja kien għal sena.[1] Ir-rikorenti kkonfermat bil-ġurament illi din il-kirja qatt ma ġġeddet. Għaldaqstant il-Bord jirriżultalu illi l-intimat qed tokkupa l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

---

[1] Dokument A a fol. 3

**Decide**

Għal dawn il-motivi, dan il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex din il-kawza tigi mismugħa u maqtugħa bid-dispensa tas-smigħ, jilqa' r-rimanenti talbiet tar-rikorrenti u:

1. Jiddikjara li l-kirja effetwata favur l-intimata in relazzjoni mal-fond 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġia hija llum terminata;
2. Jordna l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġia fi żmien perentorju ta' tletin (30) ġurnata mil-lum.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**